# Quit Line Ġdid f Ċipru
## 30/09/2005

Mit–12 ta´ Settembru 2005, il–Lega ta´ Nies li ma Jpejjpux ta´ Ċipru stabbiliet is–Servizz ta´ Quitline f´kooperazzjoni ma´ l–Awtorità tat–Telekomunikazzjonijiet ta´ Ċipru, (CY.T.A.), il–Ministeru tas–Sa hha, u, ovvjament, is–Soċjetà ta´ kontra l–Kanċer ta´ Ċipru.

Il–Quitline Ċiprijott jikkonsisti f´żewġ partijiet. L–ewwel parti toffri tag hrif, kuraġġ u parir f´forma rreġistrata; il–persuna li ċċempel (il–persuna li tpejjep) tinghata parir sabiex issegwi hames stadji qabel ma tikkonsulta spe ċjalista. It–tieni parti toffri konsultazzjoni ma´ speċjalista. Il–messaġġi rreġistrati –kif ukoll il–konsultazzjoni ma´ l–ispeċjalista –huma offruti bla hlas, ghajr ghall-prezz tat–telefonata. Is– "Servizz" sejjer jibda´ jahdem bhala pro ġett sperimentali ghal perjodu ta´ tliet xhur.

In–numru tat–telefon tas–servizz huwa **22448000**.

Il–Lega tal–Persuni li ma Jpejjpux ta´ Ċipru ilha nvoluta f´attivitajiet ta´ kontroll tat–tabakk minn Frar 1987 meta ġiet imwaqqfa bhala wahda mill–attivitajiet prinċipali tas–Soċjetà ta´ Kontra l–Kanċer ta´ Ċipru, sabiex tiftah u tirbah il–gwerra kontra l–kanċer.

Minn dak iż-żmien, il–Lega tan–Nies li ma Jpejjpux ta´ Ċipru dahlet f´kull tip ta´ attività sabiex ixxerred il–messaġġ illi t–tipjip huwa ta´ hsara ghas-sahha mhux biss ghall-persuna li tpejjep infisha iżda wkoll ghal dawk kollha ta´ madwarha, meta hija tpejjep.

L–istampar u d–distribuzzjoni mifruxa ta´ materjal stampat, inkluż materjal awdjoviżwali, diskussjonijiet fuq ir–radju u t–televi żjoni, diskussjonijiet fl–iskejjel g hall-istudenti u f´laqg hat g hall-ġenituri, kif ukoll il–pressjoni g hall-introduzzjoni ta´ liġijiet u regolamenti dwar it–tipjip f´postijiet pubbliċi u postijiet tax–xog hol, kienu xi whud mill–attivitajiet li wettqet, matul dan iż-żmien kollu.

**Sors:**

Cyprus National Coalition for Smoking Prevention,

*12 ta´ Settembru 2005*